**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL- ERBGHA 27 TA' FRAR, 2002**

**Avviz Nru: 1479/01 AJD**

**Maria Dolores sive Doris Debono**

**vs**

**Alfred u Doris konjugi Galea**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-16 ta' Novembru, 2001, fejn intalab li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lill-attrici s-somma ta' tlieta u hamsin lira Maltin (Lm53.00), in kwantu ghal tlettax il-lira Maltin (Lm13.00) dritt tar-Registru fuq ittra ufficjali datata 18 ta' Lulju, 2001, u kwantu ghal erbghin lira Maltin (Lm40.00) drittijiet ta' konsulenza professjonali u drittijiet rigward tlett ittri bonarji datati 22 ta' Awissu, 2001, 19 ta' Settembru, 2001 u 30 ta' Ottubru, 2001.
Bl-ispejjes, kontra l-konvenuti.

Ra r-risposta tal-konvenuti fejn eccepew bir-rispett illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li:-

1. In linea preliminari l-konvenuti gia' hallsu kull dritt legali li talvolta kien dovut, u

2. Sussidjarjament u bla pregudizzju l-attrici m'hix intitolata ghall-ebda

rifusjoni ta' drittijiet legali inkorsi minnha.

3. Salv eccezzjonijiet ohra ulterjuri.

Sema' x-xhieda tal-attrici, tal-konvenut u ta' Nicholas Debono. Ha konjizzjoni tal-affidavits ta' Nicholas Debono u ta' Dr. Thomas Abela kif ukoll tad-dokumenti kollha esibiti mill-partijiet.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

1. Illi l-attrici qed titlob il-kundanna ghall-hlas tal-konvenuti fis-somma komplessiva ta' tlieta u hamsin lira Maltin (Lm53.00) dovuti in kwantu ghal tlettax il-lira Maltin (Lm13.00) dritt tar-Registru fuq ittra ufficjali datata 18 ta' Lulju, 2001 (a fol. 2) u in kwantu ghal erbghin lira Maltin (Lm40.00) drittijiet ta' konsulenza professjonali u drittijiet rigward tlett ittri bonarji datati 22 ta' Awissu, 2001, 19 ta' Settembru, 2001 u 30 ta' Ottubru, 2001.

2. Illi mill-provi jirrizulta li l-ittra ufficjali prezentata fit-18 ta' Lulju, 2001, kienet intempestiva u dan peress illi wara li l-konvenut, permezz tal-avukat difensur tieghu Dr. Ivan Gatt, kien talab spjegazzjoni tal-ammont ta' tnejn u tmenin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm82.50) mitlub mill-attrici, l-avukat difensur tal-istess attrici permezz ta' ittra datata 10 ta' Lulju, 2001 (a fol. 22) liema ittra hija ndirizzata lil Dr. Ivan Gatt, baghat tali spjegazzjoni.

3. Illi l-konvenut xehed illi huwa rcieva kopja ta' din l-ittra minghand l-avukat tieghu fis-17 ta' Lulju, 2001, mar ikellem lill-istess konsulent legali tieghu dakinhar stess u l-ghada, u cioe' fit-18 ta' Lulju, 2001, huwa baghat lil Nicholas Debono, il-prokuratur tal-attrici, pagament ta' mitt lira Maltin u hamsin centezmu (Lm100.50) dovuti in kwantu ghal tnejn u tmenin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm82.50) arretrati ta' cens u tmintax il-lira Maltin (Lm18.00) spejjes legali. Huwa baghat ukoll cheque ta' zewg liri Maltin (Lm2.00) lil Dr. Thomas Abela.

4. Illi Nicholas Debono ikkonferma li huwa rcieva l-imsemmi cheque fid-19 ta' Lulju, 2001, izda f'din id-data huwa kien diga' nkorra l-ispejjes tal-ittra ufficjali li giet prezentata fit-18 ta' Lulju, 2001.

5. Illi fil-fehma tat-Tribunal, una volta li l-ittra tal-10 ta' Lulju, 2001, giet mibghuta lil Dr. Ivan Gatt, l-attrici kellha tikkoncedi ftit aktar zmien sabiex tircievi l-pagament qabel ma tipprocedi ulterjorment u tinkorri

aktar spejjes inutilment kif effettivament ghamlet u dan ghaliex l-ittra in kwistjoni kellh al-ewwel tasal ghand Dr. Ivan Gatt li sussegwentement kellu jikkomunika mal-klijent tieghu u jaghti l-pariri necessarji.

6. Illi in kwantu jirrigwarda l-ittri bonarji datata 22 ta' Awissu, 2001, 19 ta' Settembru, 2001 u 30 ta' Ottubru, 2001, l-attrici ma ressqet ebda prova li l-ahhar ittra, u cioe' dik tat-30 ta' Ottubru, 2001, effettivament intbaghtet. Il-konvenut xehed li huwa ma rceviex l-imsemmija ittra, filwaqt li l-attrici naqset milli tesibixxi kopja tal-istess ittra. L-attrici qed titlob il-kundanna ghall-hlas tal-konvenuti fl-ammont ta' erbghin lira Maltin (Lm40.00) dovuti bhala drittijiet professjonali inkorsi minnha sabiex intbaghtu l-imsemmija ittri. Id-drittijiet professjonali relattivi ghal dawn l-ittri kellhom jigu intaxxati adegwatament kif tipprovdi l-ligi u in vista tal-fatt li dan ma sarx, it-Tribunal qed jichad it-talbiet attrici f'dan ir-rigward.

Ghal dawn il-motivi it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talbiet attrici bl-ispejjes ta' din l-istanza jithallsu interamnet mill-istess attrici.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**